# IN-NAXXAR
# L-Eqdem Parroċċa tal-Kampanja

**P. Alexander Bonnici, OFM. Conv.**

*Qed inġibu artiklu ta' P. Alexander Bonnici, OFM. Conv. li miet madwar sentejn ilu. Dan l-artiku,* **In-Naxxar: l-Eqdem Parroċċa tal-Kampanja,** *hu meħud mill-ktieb "Storja ta' Malta fi ġrajjet il-Knisja" ppubblikat mill-istess awtur fl-1996 u ġie addattat għal dan il-Programm tal-Festa. Ħassejna li għandna nirriproduċuh biex dawk li m'għandhomx dan il-ktieb ikunu jafu bil-kontenut ta' dan l-artiklu. Kif nafu, mhux l-ewwel darba li P. Alexander kiteb artikli li xeħtu dawl fuq l-istorja tar-raħal tagħna.*

**Kappella Parrokkjali fir-"Rollo" ta' Senatore De Mello.**

Illum, Marija Bambina hi l-patruna ta' erba' parroċċi: tlieta f'Malta li huma fin-Naxxar, l-Isla u l-Mellieħa, u waħda f'Għawdex: li hi dik tax-Xagħra. Imma kien hawn żmien meta l-parroċċa waħdanija li kienet iġġib dan it-titlu għażiż kienet dik tan-Naxxar biss. Nafu li tal-Mellieħa kienet saret parroċċa f'xi żmien qabel l-1436, u mbagħad spiċċat għal kollox sakemm reġgħet saret fl-1844[1]. Dik ta' l-Isla saret parroċċa fl-1581.[2] Il-parroċċa tax-Xagħra saret fl-1688.[3] Hawn se nikteb bi ftit dettalji dwar l-ewwel żmien tal-parroċċa tan-Naxxar.




*L-arma ta' l-Isqof de Mello (bil-kortesija ta' Ġużeppi Fenech)*

Dokument fl-istorja tal-Knisja f'Malta li qajjem ħafna diskussjonijiet, hu dak li jissejjaħ "Rollo" ta' l-Isqof Senatore De Mello. Dan il-qassis, minn Noto fi Sqallija, kien sar Isqof ta' Malta fit-3 ta' Frar, 1432.[4] Dokumenti ta' żmienu ftit jeżistu. Imma ittra tiegħu tal-1433 turi li d-djoċesi ċkejkna tagħna kienet f'idejh. Senatore ġie Malta fl-1436 biex jara x'taxxi kellhom jitħallsu mill-Kanonċi tal-Katidral u minn dawk kollha li kellhom f'idejhom xi benefiċċji jew xi ġid tal-Knisja. Kien hemm xi tilwim dwar dawk it-taxxi. Għalhekk, l-Isqof innomina erba' Kummissarji mill-Kapitlu tal-Katidral. Dawn kienu Dun Mattew Żammit, Dun Indri De Turri, Dun Nikol Lombardo u Dun Anton de Astis. Lil dawn, hu ordnalhom biex jiġbru f'lista (rollo) d-Dinjitajiet, il-Kanonikati, il-Parroċċi u l-Benefiċċji kollha. Minn fuq dik il-lista, Senatore kien ikun jista' jagħmel kalkolu dwar kemm kull wieħed li kellu xi ħaġa f'idejh li tirrendi xi dħul sata' jħallas bħala taxxa. It-taxxa kienet tkun bħala kontribut għat-tmexxija u l-manteniment tad-djoċesi ta' Malta u Għawdex. Dawk l-erba' Kummissarji qdew dmirhom u ġabru f'lista waħda l-knejjes parrokkjali, il-benefiċċji, il-ġuspatronati u l-fundazzjonijiet ta' dak iż-żmien. Jissemmew b'isimhom il-persuni, jew il-knejjes, jew l-artijiet, jew il-postijiet li magħhom kienu marbutin il-fundazzjonijiet. Il-kelma "parroċċa" ma tissemmiex. Imma jidher li l-kelma "kappella" għandha tiftiehem għal knisja b'ħidma parrokkjali. Żgur li mhix lista li biha saret l-erezzjoni ta' xi parroċċi. Il-parroċċi kienu jeżistu minn żmien qabel. Kemm qabel, ma nafux bi preċiżjoni. 'L hawn u 'l hinn, minn dokumenti oħrajn, għandna biss xi ħjiel għas-snin ta' qabel. Il-lista li l-Kummissarji ħejjew għall-Isqof Senatore fiha dan it-titlu "*Anno Domini MCCCCXXXVI: Ordinatus fuit, et est praesens quinterniolus pro concordia taxarum, praecipiente et mandante Reverendissimo Domino Episcopo Senatore*". Dawn il-kelmiet ifissru: fis-sena

tal-Mulej 1436, ġie ordnat li jinġabru dawn il-ħames folji mir-Reverendissimu Sinjur Isqof Senatore, u fil-fatt inġabru ħalli jkun hawn ftehim paċifiku dwar il-ħlas tat-taxxi. Fl-oriġinal, kien hemm imniżżel x'kontribut kellu jingħata minn kull min kellu xi prebenda, benefiċċju, jew legat f'idejh. Għal xi wħud, kien għadu ma ġiex stabbilit.[5] Dan ir-Rollo ġie ppubblikat fl-1647, imma fil-pubblikazzjoni ma tniżżlux il-kontributi li kellhom jitħallsu.[6]

Il-ħarsa hawn sejra tmur lejn dak li nkiteb dwar in-Naxxar, li f'dak iż-żmien kellu mal-500 ruħ. Dawn jidhru ftit; imma nafu li kien fost l-akbar irħula. Kien hemm prebenda waħda li tissejjaħ ta' *Chimbir*, li nissopponu li hi *tal-Kbir*. Dik il-prebenda kienet titgawda minn Dun Piet Mullica, li l-Kummissarji ddeċidew li kellu jħallas għaliha t-taxxa ta' 14-il uqija.[7] Fl-istorja, Mullica (li jsejħulu wkoll Mollica) jitqies bħala l-ewwel Kappillan li nafu bih għax ismu jintrabat ma' *"La Cappella di La Naxaru"*. Għal din il-Kappella, li mhix ħlief il-knisja parrokkjali, kienet sejra titħallas it-taxxa ta' 18-il uqija, b'rabta mal-benefiċċju ta' Ħad-Dejf. Il-prebenda u dan il-benefiċċju kienu l-iżjed li jirrendu, u għalhekk kellhom fuqhom l-ogħla taxxa.[8]

Kien hemm *sitt benefiċċji* oħrajn fil-limiti tan-Naxxar, li f'dak iż-żmien kellha firxa kbira man-naħa ta' fuq ta' Malta, fejn ma kienx ħlief il-parroċċa ċkejkna tal-Mellieħa li maż-żmien kellha wkoll tieqaf mill-ħidmiet parrokkjali.[9] Ma' l-isem ta' kull wieħed mis-sitt benefiċċji l-oħra, insibu mniżżla fir-*Rollo* t-taxxa li kellha titħallas. Għall-benefiċċju ta' Ħ'Attard: żewġ uqijiet; għal dak ta' *San Ġorġ*: uqija għal żewġ irbajja; għal dak ta' *Bir tal-Kwiet*: erba' uqijiet; għal dak ta' *Bunuxeb*: sitt uqijiet; għal dak ta' *Santa Marija*: ma kien stabbilit xejn; għal dak ta' *Mikieli ta' Bernard*: tliet uqijiet. Kien hemm ukoll żewġ *legati* (animagio). *Il-Legat* hu renta marbuta ma' xi art li titħalla b'kundizzjoni li min igawdiha jiġi mgħobbi b'xi piż, li aktarx ikun ta' quddies. Il-legati kienu dak ta' *Binġemma*: b'taxxa ta' 15-il irbija, u l-ieħor ta' Lonza Bondino, li t-taxxa fuqu ma kinitx stabbilita.[10]

**1475: Raħal Abbandunat?**

Nafu tajjeb mingħand l-istoriċi tagħna li l-Mellieħa tbattlet għal kollox minħabba l-fatt li l-furbani ħabtu għaliha kemm-il darba.[11] Imma qatt ma konna smajna li n-Naxxar u miegħu Birkirkara wkoll għaddew mill-istess tiġrib. Ħarsitna tmur lejn is-sena 1475. F'Awissu, il-Kunsill tal-ġurati ta' l-Imdina li kellu f'idejh it-tmexxija ta' Malta kien imbażża' ħafna. Kien hawn tiġrib serju li ssir invażjoni fuq Malta min-naħa tal-Misilmin. Ftit snin qabel, dan kien ġie speċifikat aħjar meta nkiteb li kien ir-Re ta' Tunes li ried jassedja lil Malta biex jeħodha taħt idejh.[12] Fost il-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu f'dak iż-żmien, insibu apprezzament min-naħa ta' wieħed mill-Kunsillieri: "In-Nobbli Ġwanni li Chabiba faħħar il-fatt li l-irġiel u n-nisa tan-Naxxar u ta' Birkirkara jiġu r-Rabat".[13]

Il-permess lil tan-Naxxar u ta' Birkirkara biex iħallu r-raħal tagħhom ma kellux għalfejn jiġi esegwit. In-Naxxar ma tbattalx għax, b'xorti tajba, l-invażjoni ma seħħitx. Imma kitba bħal din turina żminijiet meta kulħadd kien b'qalbu ttaqtaq. Madankollu, f'Malta ta' ftit eluf ta' nies, u meta kulħadd kien imbażża' għal ħajtu stess minħabba l-periklu li jaqgħu lsiera, ma damux ma bdew diskussjonijiet dwar il-preċedenza bejn parroċċa u oħra. Kien il-bidu tal-parrokkjaliżmu.

**L-Ewwel Matriċi u l-Eqdem fost il-Qodma**

L-Isqof Senatore, fl-1436, sab għaxar parroċċi fuq riġlejhom. Ma nafux b'ċertezza l-ordni kronoloġiku ta' l-erezzjoni tagħhom. Imma, minn xi tagħrif ieħor, jista' jsir eżami ta' xi dokumenti biex noqorbu lejn id-data ta' l-erezzjoni tagħhom jew għallanqas lejn l-ordni kronoloġiku li kien jagħtihom id-dritt ta' xi preċedenza fil-purċissjonijiet. Ferres, li mhux eżatt f'kollox, jgħidilna li l-parroċċa tan-Naxxar hi l-ewwel waħda li nafuha bħala "Matriċi": jiġifieri knisja omm ta' oħrajn,




*L-arma tal-parroċċa tal-Mosta li tinsab fis-Sagristija tagħna. Il-Mosta inqagħtet mill-Matriċi tan-Naxxar fl-1608 - 400 sena ilu.*

mhux biss għax xi parroċċi ħarġu minnha, imma wkoll għax għenithom biex ikollhom mezzi għall-għajxien. Fil-fatt, l-eqdem parroċċa li ħafuha b'dan it-titlu hi dik tan-Naxxar.[14]

Kien għad m'hawnx knejjes kolleġġjati. Għalhekk, fil-purċissjonijiet, l-ordni tal-preċedenza kien ikun skond id-data ta' l-erezzjoni tal-parroċċa. Purċissjoni qadima ħafna u ta' xejra nazzjonali għax fiha kienu jieħdu sehem il-parroċċi kollha hi dik ta' San Girgor. Ħafna kittieba ma jafux kif bdiet. Imma, mhux biss nafu s-sena eżatta ta' l-oriġini, imma wkoll ir-raġuni li minħabba fiha bdiet issir. L-ewwel darba li saret kien fl-1543. L-Isqof ta' Malta, Mons. Domenico Cubelles ordna li tibda ssir din il-purċissjoni biex fiha jsir talb lil Alla ħalli jqanqal għall-paċi lis-Slaten ta' l-Ewropa li kienu miksurin ħafna bejniethom. Ir-rappreżentanti tal-parroċċi kollha (kleru, fratellanzi u lajċi), kienu jakkumpanjaw proċessjonalment lejn il-knisja ta' Santa Katarina taż-Żejtun nhar il-festa ta' San Girgor, fit-12 ta' Marzu. Din hi l-knisja li biż-żmien, bdiet tissejjaħ, ta' San Girgor: imma fil-fatt, hi ddedikata lil Santa Katarina, Verġni u Martri.[15]

Sal-bidu tas-seklu sittax, meta l-purċissjoni ta' San Girgor kienet għadha ma teżistix, il-Kappillani rari kienu jiltaqgħu għal xi purċissjoni. Imma, meta ltaqgħu, il-preċedenza fuq il-parroċċi kollha tal-kampanja kienet tan-Naxxar. Wara tan-Naxxar ma kinux jimxu ħlief tal-Katidral u tal-Birgu. Fl-1535, inkiteb ċar u tond li sa minn żmien qadim ħafna, il-parroċċa tan-Naxxar kellha l-preċedenza fuq l-oħrajn kollha. Imbagħad, ġara li l-parroċċa ta' Birkirkara bdiet timxi ma' tan-Naxxar. Il-Kappillan tan-Naxxar ma tax kas jiddefendi d-drittijiet tiegħu. B'konsegwenza li għal xi żmien, iż-żewġ Kappillani baqgħu jimxu flimkien.[16]

Sar diskors Ruma u t-tweġiba waslet fil-25 ta' April 1548. Kien bħal kompromess. Kienet favur in-Naxxar, imma b'mod li l-Awtoritajiet ma jiksruhiex ma' ta' Birkirkara. Fil-purċissjoni ta' San Girgor, li kienet għadha fil-bidunett tagħha, dawk tan-Naxxar u ta' Birkirkara kellhom jibqgħu jimxu flimkien, wara salib wieħed. Imma l-preċedenza vera kellha tingħata lil tan-Naxxar. Il-Kappillan tan-Naxxar, flimkien mal-poplu tiegħu kienu jimxu fuq il-lemin. Dawk ta' Birkirkara bdew jimxu fuq ix-xellug.[17]




*Ir-reġistri qodma ta' 1546 li jinsabu fl-Arkivju Parrokkjali u li jirreferi għalihom l-artikolista*

## Il-Qedem tar-Reġistri Parrokkjali

Il-qedem tal-parroċċa tan-Naxxar jidher ukoll mir-Reġistri, li għandha din il-parroċċa. Fil-fatt nistennew li jkunu iżjed qodma. Imma l-ewwel reġistri tal-parroċċi l-iktar qodma ta' Malta ma jeżistux. L-eqdem li hawn f'arkivju parrokkjali huma proprju dawn tan-Naxxar. Tliet reġistri parrokkjali li jibdew mis-sena 1546, jgħidulna b'mod uffiċjali a) min ġie mgħammed, b) min iżżewweġ, c) min miet u kellu difna nisranija fin-Naxxar.[18] Fin-Naxxar għandna neqsin ir-reġistri ta' iżjed minn mitt sena ta' ħajja nisranija.

Kien żmien meta l-popolazzjoni tan-Naxxar kienet telgħet għal xi elf ruħ. Il-familji kienu kbar ħafna. Imma, minn dawk li jitwieldu, ma kienx ikun hemm nofshom li jaslu għall-istat taż-żwieġ. Ħafna kienu jmutu trabi, u naturalment dejjem kien hemm dawk li ma jiżżewġux. Kien ikun hemm bejn 20 u 30 żwieg fis-sena. Ir-reġistrazzjoni taż-żwieġ kienet tkun waħda ta' ftit kelmiet. Insibu biss id-datazzjoni, l-ismijiet ta' l-għarajjes u mnejn kienu. Iżjed tard, imbagħad, bdew jitqiegħdu l-ismijiet taż-żewġ xhieda.[19]

Fi żmien meta d-djoċesi ma kinitx miexja tajjeb u għalhekk kienet meħtiega riforma kbira, intbagħat Mons. Pietru Dusina biex, bħala Viżitatur Appostoliku, iżur id-djoċesi



Mons. Pietru Dusina li baqa' magħruf għall-vista pastorali fil-gżejjer Maltin fl-1575.

kollha u jiddeċiedi dak li kien jidhirlu meħtieġ. Is-sena kienet l-1574. Fin-Naxxar hu mar il-Ħadd 30 ta' Jannar. Il-Kappillan tal-Parroċċa kien Dun Ġiljan Borg (1572-1601).

Il-knisja parrokkjali kienet iddedikata lil Santa Marija tax-xahar ta' Settembru. Nafu li l-kelmiet ifissru għall-festa tat-Twelid ta' Marija li taħbat fit-8 ta' Settembru. Dusina lmenta talli fuq l-artal maġġur ma kienx hemm tabernaklu. Sa żmien qabel, is-sagrament kien jinżamm fi spazju ċkejken imħaffer fil-ħajt fil-lemin tal-maġġur. Semmejna li fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel żwiġijiet, l-ismijiet tax-xhieda ma tqegħdux. Fil-vista tiegħu Dusina ordna lill-Kappillan Borġ biex jikteb min kienu x-xiehda f'kull żwieġ. Nieħdu wkoll l-impressjoni li l-Kappillan ma kienx qed iniżżel l-ismijiet tal-mejtin kollha għax Dusina osservalu biex ma jħalli lil ħadd barra. Il-knisja kienet tidher mitluqa u kienet nieqsa minn ħafna bżonnijiet.[20]

**Mossa minn Birkirkara u Dawl minn Reġistri**

Fi żmien ta' problemi fil-ħajja pastorali u soċjali tan-Naxxar, kien hemm ukoll sens qawwi ta' parrokkjaliżmu. Nerġgħu naqbdu ma' tilwim ta' preċedenza. Birkirkara ma kinitx qed tissaporti li tara lin-Naxxar aħjar minnha. Xaqq ta' dawl għall-istorja jurina x'kien sar fi żmien il-Kappillan Dun Ġakbu Paċi, saċerdot għaref, eżaminatur tal-kleru u li kien igawdi l-istima ta' min kien jafu. Hu mexxa l-parroċċa bejn l-1610 u l-1641.[21] Fil-bidu ta' żmienu, il-popolazzjoni kienet ta' 1100 ruħ. Fi żmienu, ta' Birkirkara seħħilhom jakkwistaw id-dritt li ma jimxux iżjed fuq ix-xellug tan-Naxxar fil-purċissjonijiet. Fil-purċissjonijiet ta' San Girgor, il-preċedenza bdiet tkun darba tan-Naxxar u darba ta' Birkirkara. Nibqgħu narawhom hekk fil-lista ta' l-ordni tal-preċedenza li ċ-ċerimonier djoċesan kien jipprepara qabel kull festa ta' San Girgor. Din l-ugwaljanza nżammet sas-sena 1630. F'din is-sena, il-parroċċa ta' Birkirkara ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata. Bħala Kolleġġjata, Birkirkara ħadet il-preċedenza fuq il-parroċċi kollha minbarra l-Katidral.[22]

Ir-reġistri parrokkjali ta' żmien il-Kappillan Dun Ġakbu Paċi jagħtuna tagħrif ta' interess wisq akbar minn dak li għandu x'jaqsam mal-preċedenza. L-eqdem reġistru tal-Mejtin tal-parroċċa tan-Naxxar (1546-1687), iwasslilna bosta dettalji ta' storja soċjali. Il-funerali fihom infushom juru li kien hemm differenzi kbar bejn il-foqra u l-għonja tan-Naxxar. Lanqas f'dak iż-żmien, ma kinux ftit dawk li għexu fuq it-tmenin jew id-disgħin sena. Għal ħafna minnhom, l-eta' eżatta ma titniżżilx. Imma nsiru nafu jekk kinux ta' eta' avvanzata jew jekk kinux xjuħ ħafna. Meta l-mewt




*L-arma tal-Kappillan Paci (bil-kotesija ta' Pietru Galea)*

kienet ta' żgħażagħ, tfal, jew trabi, id-dettalji huma iżjed preċiżi għaliex ingħataw mill-istess ġenituri tagħhom.

Il-faqar jinħass fit-toqol tiegħu kollu. Il-Kappillani kemm-il darba kitbu li offrew funerali mingħajr l-ebda ħlas għax il-mejtin kienu foqra. Ġieli l-Kappillan kiteb li l-persuna li tmut tkun għaddiet ħajjitha dejjem tittallab, bħalma kien il-każ ta' ċerta Ċensa Sammut fl-1619. Imma għalkemm fil-faqar, ġieli għexu sa mitt sena. Fit-28 ta' Marzu 1619, il-Kappillan Paci kiteb "Miet Mattew Camilleri, ta' mitt sena, li, billi kien fqir ħafna, ir-riti tal-funeral sarulu kollha mingħajr ebda ħlas".[23]



***Il-paġna mil-Liber Defunctorum I li jsemmi lil Gannella Mifsud li mietet fid-29 ta' Ġunju 1638.***

Kien hemm, imbagħad il-funerali ta' dawk li kienu għonja. Ġannella Mifsud, ta' tletin sena, kienet ħalliet fit-testment li riedet li jkollha erba' saċerdoti fil-funeral tagħha. Hi mietet fid-29 ta' Ġunju 1638. Iddisponiet ukoll li mhux biss isirilha quddies għal ruħha f'għeluq il-ġimgħa, l-erbgħin ġurnata u l-anniversarju imma f'tul ta' sena u nofs riedet ukoll 112-il quddiesa oħra. Il-kjerku Anton Schembri meta miet fl-eta' ta' 70 sena, fit-8 ta' Ġunju 1639, instab li kien ħalla miktub li ried l-akkumpanjament tas-saċerdoti kollha, u ddispona li lkoll iqaddsu bħala suffraġju għal ruħu sa żmien l-ewwel anniversarju minn mewtu. Bħal dawn insibu ta' sikwit. Dan il-fatt iġib miegħu li kien hemm numru sewwa ta' Naxxarin li kienu jgħadduha tajjeb. Kienu jaqilgħuha tajjeb il-bdiewa li kellhom ħafna għelieqi li fihom kabbru kull xorta ta' ħxejjex u frott.

F'dak iż-żmien Kappillan qabel ma jagħti d-difna nisranija, kien jara kif iserraħ rasu li min ikun miet ried tassew dik id-difna. Skond il-possibilità tiegħu, hu kien jaċċerta ruħu li l-mewt kienet skond kif inhi mixtieq għan-nisrani. Għemejjel kriminali kienu jiġru f'dak iż-żmien ukoll. Fit-18 ta' Mejju 1631, il-kjerku Indri Schembri, ta' 35 sena nstab maqtul fil-qrib tan-Naxxar. Imma billi kien tqarben għall-Għid, il-Kappillan ma sab l-ebda diffikulta' biex jagħtih id-difna nisranija fil-knisja għalkemm kien miet bla sagramenti.[24]

Kien każ jixxiebah dak tad-19 ta' Marzu 1637. Faqqgħet sajjetta li qatlet ħabta u sabta lil ċertu Ġilormu Camilleri, waqqgħet il-bejt ta' dar u kkaġunat il-mewt ta' xebba u tifel ukoll.[25] Ġieli daħlet fin-nofs il-pulizija wkoll. Fl-4 ta' Novembru ta' l-1640, miet għall-għarrieda Ġakbu Sammut ta' 18-il sena. Imma billi qamu xi suspetti, il-Kappillan ma setax jieħu ż-żagħżugħ għad-difna qabel ma marru xi pulizija biex jagħmlu l-aċċess.[26] Kien hemm, imbagħad, iċ-ċertezza ta' qtil meta Duminku Mangion, fl-10 ta' Jannar, 1929, instab minxur ma' l-art bla ħajja, meta kien fi triqtu lejn id-dar waqt li kien ġej mill-għalqa.[27]

**L-Imħabba lejn il-Parroċċa**

Il-poplu nisrani tan-Naxxar wera imħabba lejn il-parroċċa tiegħu billi ftakar fiha fit-testment ukoll. Żmien il-Kappillan Dun Ġakbu Paċi kien ukoll dak tal-bini tal-knisja l-ġdida fuq l-istess post tal-qadima.

Duminka Bezzina wara li għamlet żmien soru, ħarġet mill-monasteru, u żżewġet. Imma hi baqgħet marbuta ħafna mal-knisja tar-raħal tagħha. Għalhekk fil-mewt tagħha, fl-4 ta' Marzu ta' l-1627, instab li kienet ħalliet nofs ġidha għall-bini tal-knisja parrokkjali.[28]

F'dak iż-żmien x'uħud kienu jirċievu t-tonsura klerikali, bla ma kien ikollhom il-ħsieb li jibqgħu mexjin 'il quddiem biex isiru qassisin. Kienu jibqgħu jservu fil-knisja u



*Il-knisja l-ġdida bdiet tinbena fi-żmien il-Kappillan Ġakbu Paci*

jieħdu sehem fil-purċissjonijiet, imma setgħu jiżżewġu wkoll. Il-funeral ta' Indri Mifsud, wieħed minn dawn, kien solenni ħafna meta hu miet fl-24 ta' Mejju, 1629. Hu ħalla fit-testment kwantità ta' quddies bħala suffraġju għal ruħu b'mod li pprovda għajnuna fil-faqar ta' dak iż-żmien.[29]

Leonora, mart Grezzju Schembri, wieħed mill-kjerci miżżewġin, mietet fit-3 ta' Lulju 1640, u nstab li kienet ħalliet somma flus biex tmur għat-tabernaklu u għal-lampier f'dik il-knisja parrokkjali tan-Naxxar, ħalli l-knisja l-ġdida tiġi mgħammra aħjar.[30]

Id-dfin kien isir fi knisja jew f'ċimiterju. X'uħud indifnu l-Mosta jew Ħal Għargħur. Ġieli ndifnu f'xi knisja tal-patrijiet. Jissemmew il-patrijiet ta' San Duminku u ta' San Franġisk. Kien hemm ukoll id-drawwa ta' żmienna li jsir xahar gregorjan bħala suffraġju. Dawk it-tletin quddiesa wara xulxin jissejħu "il-Quddies ta' San Girgor'. Bħala sussidju għad-djoċesi, il-Kappillan kien obbligat jagħti numru ta' xemgħat u xi offerti lill-Isqof jew lill-Knisja Katidrali ta' Malta. L-offerta kienet tvarja. Imma ma kinitx taqbeż id-disa' rbajja. Tissejjaħ "id-Dritt tal-Komunja".[31]

Id-dettalji ta' l-istorja huma ħafna. Insemmu l-aħħar żewġ każijiet marbutin mal-Kappillan Dun Ġakbu Paci. Dwar Venera Paci li mietet fis-26 ta' Awissu ta' l-1630, il-Kappillan kiteb; "Din hi l-omm tant għażiża tiegħi".[32] Fil-11 ta' Frar, 1641, miet il-Kappillan nnifsu. Kif inhu xieraq, il-funeral tiegħu kien wieħed solenni. Ġie rreġistrat minn Dun Ġamri Bezzina, Kurat tal-parroċċa vakanti, b'dawn il-kelmiet: "Miet il-Kappillan ta' din il-parroċċa Dun Ġakbu Paci, wara li qerr, tqarben, u saritlu d-dilka mqaddsa. Indifen fil-kor fil-ġurnata tas-Sibt (12 ta' Frar). Sarulu riti funebri solenni b'għoxrin saċerdot". Inkiteb ukoll li ħalla ħamsin uqija għall-orgni li xtaqu jsir fil-knisja parrokkjali u erbgħin skud għall-quddies b'sufraġju għal ruħu.[33] Ftit wara, fl-1645, nafu li fin-Naxxar kien hemm 1412-il ruħ, li 730 minnhom kienu nisa.[34]

**1693: Kleru u Poplu**

Nikkonkludu b'daqqa t'għajn lejn tmiem is-seklu sbatax. In-Naxxar ma ġralux bħal Mellieħa u Ħad Dingli. Ir-raħal ma svojta qatt. Għalhekk, il-Parroċċa baqgħet dejjem ħajja. Kien żmien il-parrokat twil ta' Dun Ġann-Dumink Mifsud (1647-1720): il-Kappillan għaref li kien l-id il-leminija ta' l-Isqfijiet ta' Malta, u li meta ħalla minn Kappillan tan-Naxxar kien tilef id-dawl t'għajnejh għal kollox. Nagħtu ħarsa lejn l-ewwel żmien tal-parrokat ta' Mifsud. Kienet is-sena 1693, meta hu ma kellux ħlief 42 sena.[35] Ċensiment djoċesan ta' dik is-sena jurina li kienet qed tikber sewwa l-popolazzjoni, u baqgħu jiżdiedu l-qassisin ukoll. Il-Kappillan kellu ħames qassisin oħra biex jgħinuh. Dawn kienu: Dun Ġamri Sammut (ta' 71 sena), Dun Franġisk Cauchi (ta' 57 sena), Dun Dumink Xerri (ta' 51 sena), Dun Dumink Sammut (ta' 42 sena) u Dun Karlu Ebejer (ta' 36 sena).[36] Il-popolazzjoni tan-Naxxar kienet ta' 1491 ruħ. Minnhom, kien hemm 1134 li setgħu jersqu għall-qrar u t-tqarbin. 66 setgħu jqerru biss. 291 kienu tfal żgħar u trabi.[37]

In-Naxxar għandu parroċċa qadima. Jekk inqisu li l-post kien wieħed mill-irħula l-kbar ta' l-imgħoddi, bilfors li hemm storja li tqanqalna ħalli nkunu nafuha dejjem aħjar. Tajjeb li jkun hemm nies li jfittxu aktar tagħrif u jiktbu dwar dan ir-raħal biex b'hekk insiru nafu kif kienet il-ħajja ta' missirijietna fl-antik.



## 400 sena wara!

*Fl-okkażjoni ta' l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa tal-Mosta mill-Isqof Tumas Gargallo, fl-1608, iż-żewġ Arċiprieti, dak tal-Mosta, Dun Mario Tong u tan-Naxxar, Dun Evan Caruana, jidhru flimkien ma' l-Isqof Adeodato Micallef, OCD, wara l-Konċelebrazzjoni solenni tal-15 ta' Awissu 2008.*

### Referenzi


1. Jiena għandi rabta speċjali ma' kull parroċċa msemmija għall-Bambina. Fil-fatt, ktibt dwar it-twelid ta' kull waħda minn dawn l-erba' parroċċi. Għall-Mellieħa,: A. Bonnici, Il-Mellieħa: Fid-Dawl ta' Ġrajjiet is-Santwarju u l-Parroċċa, 1994, pp.139; ara b'mod speċjali pp. 17, 77-86.

2 Bonnici A. Ofm Conv. L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika – Santwarju ta' Marija Bambina. I. 1981 pp.54-58

3 Dwar ix-Xagħra ara: "Bidu ta' ħidma parrokkjali fil-parroċċa tax-Xagħra 1688-1699", ix-Xagħra, VII, n. 24 (Lul-Sett 1988), pp.27-30. Ara wkoll Refalo Rapa J., The Xagħra Monumental Church. 1968, pp.12-14

4 Eubel, Hier. C., Catch, II, 2ed., 1914, p.191

5 NLM, Libr., 721, ff, 2r-4v

6 Abela G. F., Della Descrittione di Malta, 1647, pp.312-316

7 NLM, l.c., f.3v; Ferres, li jsejjaħlu "Mollica", ma jidhirx li hu eżatt meta jikteb li dan ġie magħżul bħala Kappillan mill-Isqof Senatore De Mello fl-1436: A. Ferres, Descrizione Storica, 1866, p. 337. L-Uqija (jew Onċja) kienet munita tad-deheb fi żmien l-Aragoniżi. Kienet iġġib sitt dukati. Kull Dukat kien jinqasam fi 18-il biċċa tal-fidda.

8 NLM, lb.

9 Għall-Mellieħa, ara A. Bonnici, o.c., p. 17

10 NLM, l.c.

11 Jiena ktibt li l-Mellihin kienu marru lejn iċ-ċentru ta' Malta. F'dak iż-żmien, b'ċentru kienu jifhmu l-inħawi tar-Rabat u ta' l-Imdina: Il-Mellieħa, fid-dawl ta' ġrajjiet is-Santwarju u l-Parroċċa, pp. 18-20

12 "Progetto, che si dice sia stato discusso alla corte del re di Tunisi, di prendere la citta' e l'isola di Malta": Il-każ hu tas-sena 1462: G. Wettinger, Acta Iuratorum et Consilii Civitatis et Insulae Maltae Palermo, 1993, p.239

13 "Nobilis Johannes la Chabiba lauda ki li homini et li donni di lu Naxaro et di Bircarcara vegnano a lu Rabatu": NLM, Univ., 11, f. 342v: ippubblikat minn Wettinger G., l.c., p.611

14 Ferres A., op.cit, p.335. Għal tifsira dwar x'inhi "Matriċi" fil-fehma tal-Knisja, ara: A. Bonnici, Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċa ta' Għawdex. 1975, pp.20-21

15 Dwar il-purċissjoni u l-oriġni nċerta, ara l-istoriċi kollha ta' l-imgħoddi. Dwar is-sena preċiża u r-raġuni, ara: Fsadni M., Id-Dumnikani fir-Rabat u l-Birgu. 1974, p.258

16 MCM, ACM, Misc., 10 (1350-1739), f. 579

17 MCM, ACM, 10, f. 587

18 APN, Bapt., I (1564-1626); Matr., I (1546-1687): Def., I (1546-1687). Insibu xi żieda li hi ta' iżjed tard: iż-żieda hi b'tagħrif li jservi ħafna għall-istorja

19 APN, Matr., I: Dan fih tagħrif ta' storja miktub fl-1661 mill-Kappillan Dun Ġakbu Azzopardi (ff. 169r-173v) u żieda dwar amministrazzjoni tal-Griżma ta' l-Isqof minn Gargallo fl-1579 (ff. 174r-181v)

20 AOFMCR, Cop

21 APN, Mem, Apol., f. 36

22 AAM, Atti Civili, passim; dwar Birkirkara bħala Kolleġġjata, ara: Sciberras Psaila I., *De Conditione Historico Iuridica ecclesiae Collegiatae Birchircarensis*, roms, 1962, p.200

23 APN, Mort., I. f. 25v

24 Ibid, f. 45r

25 Ibid, f. 39v

26 Ibid.

27 Ibid., f.44r

28 Ibid., f.47r

29 Ibid., f.38r

30 Ibid., f.29r

31 Ibid., f. 38v

32 Ibid., f. 46v

33 Ibid., f'ħafna postijiet

34 Ibid., f. 39r

35 Ibid., f. 47v

36 Ara Rollo di tutte le Anime...fatto il primo di maggio 1645, li jiena ppubblikajtu f'Il-Maltin u l-Inkiżizzjoni, KKM, 1977, p.216; qiegħed f'ASV, S.S. Malta, 186, f. 404v.

37 AAM, St.A., 1693, f. 3v.